MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Numru 444/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**

**vs**

**Darren Cross**

Il-Qorti;

Rat l-imputat Darren Cross ta' 25 sena, iben Paul Andrew George u Josette nee' Sammut, imwieled Pieta' nhar it-18.03.1986 u residenti Binja Vista, Ent. D, Flat no 8, Triq il-Konti G. A. Ciantar, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita' numru 145986(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F'xi hin bejn it-8:00 ta' filghaxija tat-18 ta' Jannar 2005 u t-3:30 ta' wara nofs in-nhar tad-19 ta' Jannar 2005, minn garage no. 15 li jinsab gewwa l-fond 'Eros Court', Triq Dun Mawru Inguanez, Birkirkara, ikkommetta serq ta' apparat elettroniku minn vettura ta' l-ghamla Mazda 323 bin-numru tar-registrazzjoni FAA-915, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro, ghad-detriminent ta' Raymond Mizzi u/jew persuni ohra;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe hsara fuq l-imsemmija vettura numru tar-registrazzjoni FAA-915 kif ukoll fil-bieb ta' l-imsemmi garage, liema ammont tal-hsara tiskorri 1,164.69 euro, ghad-detriment ta' Raymond Mizzi u/jew persuni ohra;

Semghat l-ammissjoni tal-imputat hekk kif registrata waqt l-udjenza tal-24 ta' Marzu 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk iridu jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri izda kkunsidrat ukoll il-fatt li mill-fedina penali tieghu jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh

mal-gustizzja u li huwa diga' nghata l-opportunita' li jirriforma ruhu izda jidher li m'gharafx juzufruwixxi minn din l-opportunita'. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li piena karcerarja effettiva, ghalkemm fil-minimum, hija l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li r-reat indikat fit-tieni imputazzjoni kien mezz ghal fini tar-reat indikat fl-ewwel imputazzjoni u ghal din ir-raguni gie applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(b), (c) (f) u (g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 325 u 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------